Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 13/2016

**Joseph Ciscaldi ezercenti l-kummerc taht l-isem Butterfly Car Rentals**

**Vs**

**Nicholas Camilleri**

20 ta' Ottubru, 2017.

1. Il-konvenut appella minn decizjoni f'arbitragg li biha gie kkundannat ihallas is-somma ta' €4,380.86 danni li saru fil-vettura Peugeot 607 bin-numru DAK 995 f'perjodu li kienet mikrija ghandu.

2. Il-konvenut jilmenta mill-apprezzament tal-provi u applikazzjoni hazina ta' ligi.

3. Dwar responsabbilta ghall-hsara l-Arbitru kkonkluda:

   *"minn evalwazzjoni tax-xhieda w l-provi mressqa f'dawn il-proceduri, (partikolarment ix-xhieda ta' Christian Camilleri (li ha l-konsenja tal-vettura minghand l-intimat) w abbazi tal-kontenut tas-survey report] w il-fatti fuq elenkati, wiehed jasal ghal konkluzjoni li l-verzjoni tar-rikorrenti, li l-hsarat reklamati permezz tal-fatturi Dok. X2 sa Dok X8 kienu attribwibbli ghall-intimat, tirrizulta bhala l-iktar wahda verosimili w li ghalhekk ir-rikorrenti rnexxielu jipprova l-kaz tieghu minn dan l-aspett, sal-gradd mehtieg mil-ligi"*.

4. Wara li l-qorti qrat l-atti, tosserva:

   i. M'hemmx prova li l-vettura in kwistjoni kellha hsara meta nkriet lill-konvenut.
   ii. Ovvjament il-presunzjoni hi li l-vettura nghatat lill-konvenut f'kundizzjoni tajba.
   iii. Meta l-pussess tal-vettura nghata lura lill-attur, ftit granet wara li l-konvenut kien l-pussess tal-vettura, kellha diversi hsarat.

5. L-appellant ghamel riferenza ghal dak li ddeskrivieh bhala inkonsistenza fix-xhieda:

   i. Meta l-vettura waqfet ic-Cirkewwa, l-ewwel persuna li rat il-vettura kien Christian Camilleri li xehed: *"kellha hsara fil-crank case u kien jidher li kien hargilha z-zejt kollu u kellha wkoll daqqiet fil-gnub taghha"*. Il-

konvenut jikkontesta li x-xhud ra daqqiet peress li l-hin kien il-11.00pm u dak il-hin kien dlam cappa. Kompla li d-daqqiet u l-imsemmija hsara qatt ma semmiet fl-affidavit tal-attur. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li l-fatt li kien bil-lejl ma jfissirx li fejn kienet il-vettura ma kienx hemm dawl artificjali. Hekk ukoll il-fatt li dik il-hsara ma ssemmietx fl-affidavit tal-attur, ma jfissirx li ma kinitx hemm. Fil-fatt fl-affidavit l-attur ma tax deskrizzjoni tal-hsara li kellha l-vettura, izda pprezenta dokumenti. Dawn jinkludu *survey report* li sar fit-22 ta' Awissu 2008, fejn hemm deskrizzjoni tal-hsara, fosthom *crankcase* maqsum u hsara fil-*body* tal-vettura.

ii. Ir-rapprezentant tas-socjeta M.M. Workshop (it-tellar) qal li l-vettura kellha s-*sump* mifqugh, *"u dan skont kif qalli s-Sur Ciscaldi u kien gab il-vettura ghandna wara li kien bidlilha s-sump"*. Il-qorti ma tarax kif dan jista' tghin lill-konvenut fit-tezi tieghu ta' inkonsistenza ta' xhieda li ressaq l-attur. Fis-*survey report* stess jissemma li hemm bzonn li jinbidel *engine sump pan*. L-istess intqal minn Ismael Vassallo, li kien il-mekkanik li ghamel tiswijiet fuq il-vettura. Kemm mid-deposizzjoni ta' Ismael Vassallo u dik ta' Marcus Mercieca (M.M. Workshop) jirrizulta li l-hsara fil-vettura kienet kollha relatata ma' uzu ta' vettura li ma kellhiex zejt fis-*sump*.

iii. Il-konvenut wasal biex jghid li l-vettura nstaqet minghajr zejt wara li nbidel is-*sump*. Din m'hi xejn ghajr kongettura tal-konvenuta. Mid-deposizzjoni ta' Ismael Vassallo, li l-qorti fehmet li kien l-ewwel mekkanik li hadem fuq il-vettura, jirrizulta li meta fetah il-magna sab li l-magna kellha bzonn tinbidel.

6. Ghal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-ligi, il-konvenut isostni li l-attur kellu jaghti prova li hemm ness bejn il-fatt kolpuz u l-konsegwenza dannuz. Kompla, *"F'dan il-kaz ma jistax jinghad illi gie ippruvat illi l-allegat hsarat graw minhabba t-tort tal-appellant; qatt ma gie ppruvat li kien hemm xi incident awtomobilistiku, jew li l-karozza qalghat daqqa jew li dahlet f'xi hofra. Qatt ma kien hemm prova illi l-hsarat graw minhabba negligenza jew traskuragni min-naha tas-sewwieq Nicholas Camilleri"*.

7. Il-qorti tosserva li dak li rrizulta mill-provi u l-konvenut kera l-vettura Peugeot 607 bin-numru DAK 995 minghand l-attur. Ftit granet wara din il-vettura spiccat lura ghand sidha, bi hsarat konsiderevoli. Skont Ismael Vassallo: *"Il-vettura relattiva kienet twasslet fil-garaxx tieghi qisha karozza tal-offroad", kellha l-gnub bid-dqqiet qisha instaqet go sqaq dejjaq u kaxkrulha l-gnub. Fil-qiegh taghha l-vettura kellha hafna hamrija u diversi zkuk"*. Legalment kien il-konvenut li kellu d-dmir li jirritorna l-vettura fl-istat li kienet meta kriha. Mill-provi m'hemmx dubju li l-konvenut naqas f'dan l-obbligu. M'hemm l-ebda

prova li l-htiega li tinbidel il-magna kien minhabba li Ismael Vassallo m'ghamilx xoghol.

8. Il-konvenut ilmenta wkoll dwar id-danni likwidati mill-Arbitru ghal *loss of use*, u semma 42 gurnata. Pero' mid-decizjoni tal-Arbitru jirrizulta li l-kumpens li nghata hu ghal disat (9) ijiem, b'valur ta' €738 (€82 ghal kull gurnata). Ghaldaqstant, l-ilment hu ghall kollox barra minn loku.

9. Min-naha tieghu l-attur ippropona appell li bih ilmenta dwar is-somma likwidata ghal-*loss of use*, u l-fatt li gie kkundannat jaghmel tajjeb ghal parti mill-ispejjez. L-attur argumenta li, *"Huwa fatt maghruf li l-importaturi u l-agenti tal-vetturi ma jkollhomx kull part tal-vettura in stock u allura wiehed ikun irid jistenna sakemm tigi dik il-part hawn Malta. Is-sebat ijiem tax-xoghol jiskattaw meta l-parts ikunu kollha disponibbli u ghalhekk dak li qal l-arbitru fuq dan l-aspett, ma jaghmilx, dejjem bid-dovut rispett, sens legali"*. Pero' f'dan il-kaz ma saritx il-prova li l-parts ma kinux disponibbli fis-suq. Ghal dak li jirrigwarda l-magna ma jirrizultax meta l-attur kien ordnaha minghand l-agent. Il-qorti zzid li l-attur lanqas ma ressaq prova li l-vetturi kollha li kellu ta' dik il-klassi kienu kuljum ikunu kollha mikrija. Konsiderazzjonijiet li jwasslu lill-qorti biex tikkonkludi li l-appell incidentali m'huwiex gustifikat.

10. Ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez, l-Arbitru kellu kull dritt li jordna li parti mill-ispejjez ihallashom l-attur meta tqies li talab il-hlas ta' €8,918.57 u l-Arbitru llikwida s-somma ta' €3,642.86.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant, kif ukoll l-appell incidentali bl-ispejjez kontra l-appellat.**

Anthony Ellul.